# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum l-1 ta’ Gunju, 2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur George Frendo)**
**vs**
**Hassen Bananou**

**Kumpilazzjoni Numru: 179/2022**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Hassen Bananou ta’ 37 sena, iben Ali u Fatima Lahmer, imwieled nhar l-1 ta’ Jannar 1984 fit-Tunezija, residenti gewwa Kamra numru 516, Cardor Hotel, Triq in-Nakkri, San Pawl il-Bahar u detentur ta’ numru tal-passaport C598928.

Akkuzat talli:-

Nhar it-02 ta’ April 2022 ghal habta ta’ bejn nofs il-lejl u 0800 ta’ filghodu, fil-kamra bin-numru 516 gewwa Cardor Hotel fi Triq in-Nakkri, San Pawl il-Bahar:-

1. Ikkommetta serq ta’ mobile phone tat-tip Huawei mudell Vario-Summilux ghad-detriment ta’ Ke Jun Yang, liem serq huwa kkwalifikat bil-valur u bil-hin, liema valura ma huwiex izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

2. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, specifikament mobile phone tat-tip Huawei, liema hsara ma tiskorriex l-€2500 ghad-dannu ta' Ke Jun Yang.

Il-Qorti giet wkoll mitluba sabiex f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet wkoll gentilment mitluba li f'kaz ta' htija ghal reati hawn fuq imsemmija u jekk jidrilha xieraq tordna lil hati sabiex jirrestitiwixxi lill-parti offiza kull haga minnu misruqa jew li hu xjentement laqgha ghandu b'ricettazzjoni jew akkwista bi frodi jew qligh iehor kontra l-ligi bi hsara ta' dik il-parti bi/jew permezz tar-reat, jew li jhallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jigi stabbilit mill-Qorti bhala kumpens ghal dak it-telf kif imsemmi jew ghal xi danni jew offiza jew hsara ohra ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghti zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra qed tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni ta'l-imputat, l-fedina penali netta tieghi u l-fatt li l-oggett misruq gie restitwiet lill-parte leza.

Ghal dan il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(f), 267, 270 u 325(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni

ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta'Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fi zmien sentejn.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**